**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Simone Grech LL.D**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charles Grixti**

**Illum, 2 ta' Settembru, 2020**

## Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Charles Grixti, detentur tal-karta tal-identità numru 17759M, li permezz tagħhom ġie akkużat li:

*" ... nhar is-27/8/2018 għall-ħabta ta' 21.30hrs, u fil-ġranet, ħin u/jew xhur ta' qabel dan, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnek li ġew magħmula fi żmienijiet differenti però li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, ġejt ħati ta' reat kontinwat:*

1. *U aktar talli nhar it-27/8/2018 għall-ħabta ta' 21.30hrs u fil-ġranet, ħinijiet u/jew xhur ta' qabel dawn, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, ġibt ruħek b' tali mod li tajt fastidju lil Doreen Mercieca u Roberta Pecorella, u b' mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li għamilt kien ta' fastidju għal Doreen Mercieca u Roberta Pecorella stess;*
2. *U aktar talli nhar it-27/8/2018 għall-ħabta ta' 21.30hrs u fil-granet, hinijiet u/jew xhur ta' qabel dawn, ġewwa dawn il-gzejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat jew bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaga oħra, jew biex tagħmel xi gwadann jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil Doreen Mercieca tagħmel jew jonqos milli tagħmel xi ħaġa jew heddidt li takkuża jew li tagħmel ilment kontra*

*tagħha, jew biex immalafamajt lil Doreen Mercieca, jew xi persuni oħra jew għamilt użu ieħor mhux xieraq bih;*

3. *U aktar talli nhar is-27/8/2018 u fil-ġranet, ħinijiet u/jew xhur ta' qabel dawn ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, bl-imġieba tiegħek, ikkaġunajt lil Doreen Mercieca tibża li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra il-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;*
4. *U aktar talli nhar it-27/8/2018 għall-ħabta ta' 21.30 hrs ġewwa l-parkeġġ tal-Mc Donalds li jinsab ġewwa l-Gharghur, insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Doreen Mercieca;*
5. *U aktar talli nhar it-27/8/2018 għall-ħabta ta' 21.30hrs ġewwa l-parkeġġ tal-Mc Donalds li jinsab ġewwa l-Gharghur, ħebbejt ghal Doreen Mercieca u kkaġunajtilha offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr P Mangion Med Reg no 1774;*
6. *U aktar talli nhar it-27/8/2018 għall-ħabta ta' 21.30hrs ġewwa l-parkeġġ tal-Mc Donalds li jinsab ġewwa l-Gharghur, volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt il-bieba ta' quddiem tan-naħa tal-lemin tal-vettura ta' Doreen Mercieca li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni CCA-667 tal-għamla Nissan, mobbli jew immobbli li jekk l-ammont tal-ħsara ma jiskorriex l-elefjn u ħames mitt euro iżda hi iżjed minn mitejn u ħamsin euro.*
7. *U aktar talli nhar it-27/8/2018 għall-ħabta ta' 21.30 hrs u fil-ġranet, ħinijiet u/jew xhur ta' qabel dawn ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, ġiegħelt bl-awtorità tiegħek innifsek lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Doreen Mercieca fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Doreen Mercieca u Roberta Pecorella, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra Charles Grixti skond l-artikolu 412C tal-Kap 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża u l-familjari tagħha ai termini tal-artikoli 383, 383, 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat id-dokumenti kollha.

Rat li l-provi fil-kawża Pulizija vs Doreen Mercieca għandhom jgħoddu wkoll bħala prova f'din il-kawża.

Rat li din il-Qorti ħarġet ordni ta' protezzjoni fir-rigward ta' Doreen Mercieca u Roberta Pecorella fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2018.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

## I. Provi prodotti

**PS 1021 Christian Cauchi** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li fit-28 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta ta' 14.00hrs, ġiet tirraporta l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, ċertu Doreen Mercieca li riedet tagħmel rapport rigward fastidju kontinwu fil-konfront tal-eks partner tagħha ċertu Charles Grixti. Spjega li Mercieca qalet li madwar sitt snin ilu, kienet qiegħda f'relazzjoni ma' Grixti, iżda din ir-relazzjoni kienet waqfitha peress li l-istess relazzjoni ma kinitx sejra tajjeb. Spjega li Mercieca qalet li Grixti għandu karattru li ma jaċċettax riġezzjoni, u ma accettax li Mercieca riedet tieqaf toħrog miegħu. Spjega li Mercieca nsistiet li f'dawn is-sitt snin, hija ilha tgħix mbeżża' minn Grixti peress li jekk ma tiltaqax miegħu, hu jkun aggressiv u jgħajjat magħha. Spjega li din qalet li Grixti kien jinfexx jgħajjat magħha, u li anke ġieli nzertatu wara l-bieb tar-residenza tagħha mingħajr il-volontà tagħha.

PS 1021 spjega li Mercieca nfurmatu li nhar is-27 t' Awwissu 2018, għal-ħabta tas-18.00hrs, hi ftiehmet ma' xi ħbieb minn tagħha ġewwa l-limiti ta' Wied id-Dis, il-Gharghur, biex jagħmlu *trekking*. Grixti kien qiegħed fuq il-post u beda jiffastidjaha, kemm lilha, kif ukoll lil ħabibtha. Spjega li Mercieca nfurmatu li Grixti beda jsaqsiha għalfejn ma kinitx għadha toħrog miegħu, u beda jtektkilha bit-*trekking pole* ma' saqajha. Spjega li Mercieca qalet li meta spiċċat it-*trekking,* Grixti kien mimli rabja għaliex hi kienet injuratu, u għall-ħabta ta' 21.30 hrs, huwa pprova jimpedixxi l-aċċess biex tkun tista' tidħol ġol-vettura tagħha bin-numru ta' reġistrazzjoni CCA-667. Spjega li skont Mercieca, Grixti beda jimblokkalha l-passaġġ u beda jirfes fuq saqajha x-xellugija halli hi ma tkunx tista' timxi sew. Qal li Mercieca spjegat li Grixti qabad u daħal fis-seat tan-naha tax-xellug tal-karozza, u li hija kienet mbeżża' ħafna.

PS 1021 kompla jgħid li Merieca talbet lil Grixti biex joħroġ, iżda dan baqa' hemm u għalhekk kellha tmur tgħid lill-ħabib ta' Grixti biex jintervjeni. Spjega li din qaltlu li xħin Grixti nduna b'dan, ħareg mill-vettura, u għalhekk, hi setgħet tidħol fil-vettura, iżda Grixti beda jagħti fuqha u fuq il-vettura, tant li laqat wiċċ Mercieca, u ma ħallihiex tagħlaq il-bieba tagħha. Spjega li din qalet li Grixti beda jgħajjarha u jinsulentaha b'diversi kliem, u li hija rnexxielha, wara diversi tentattivi, li tagħlaq il-bieba u titlaq. Madanakollu, Grixti ta daqqa fil-karozza permezz tat-*trekking pole* fil-bieba tan-naħa tal-lemin tal-vettura.

PS 1021 spjega li minn investigazzjonijiet li saru fuq il-post, irriżulta li kien hemm xi CCTV cameras, li fiha l-inċident ma tantx kien jidher ċar. Spjega li nġieb ċertifikat minn Mercieca li minnu jirriżulta li kien hemm ġriehi ġfief sofferti, kif ukoll inġabet stima tal-ħsarat sofferti fil-vettura, ammontanti għal tliet mija u sebgħa u sebgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€377.60c). Spjega li fit-28 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta ta' 19.13hrs, irraportat fl-Għassa tan-Naxxar, Roberta Pecorella, fejn stqarret li fis-27 ta' Awwissu, 2018, għall-ħabta tas-19.20hrs, ipparkjaw ġewwa il-parking tal-Mc Donalds, fejn innutaw li kien hemm Charles Grixti. Intqal li Mercieca qalet li hekk kif kienu mexjin, Pecorella qagħdet 'il bogħod minnu, iżda għall-ħabta tat-20.00hrs, Grixti mar fuqha biex ikellimha u hi aċċettat li tkellmu. PS 1021 kompla jgħid li Pecorella stqarret li Grixti qabadha minn idejha sabiex ikellimha privatament, u beda jgħidilha li Mercieca kienet giddieba u ttenta jkellimha fuq ir-relazzjoni li kellu ma' Mercieca. Pecorella nfurmatu li hija ma kinitx interessata, u qalet li kif dalam, Grixti beda jindirizzaha u jgħid li kien tort tagħha li tkissret ir-relazzjoni tiegħu ma' Mercieca. PS 1021 spjega li Pecorella qalet li matul il-mixja, Grixti beda jmur ħdejn Mercieca biex jgħinha, u hi semgħet lil Grixti jsaqsi lil Mercieca għalfejn kienet qed tirrifjutah, tant li hija stess talbithom sabiex jieqfu jitlewmu, iżda Grixti baqa' għaddej b'dan l-atteġġjament.

PS 1021 kompla jgħid li Pecorella spjegat li f'ħin minnhom, Grixti qabadha lambranzetta biex jgħinha, iżda hija ma kinitx talbet l-ebda għajnuna. Madanakollu, peress li beżgħet minn Grixti, ma qaltlux jieqaf, u hekk kif waslu fil-parking, Mercieca talbitha biex imorru. Spjega li Pecorella nfurmatu li hija rikbet fuq in-naħa tal-passiġġier, iżda hekk kif Mercieca kienet ser tagħlaq il-bieba, Grixti ma ħallihiex tagħlaq il-bieba, u beda jbagħbas fl-*ignition* u jmiss l-istering. Spjega li Pecorella qalet li dak il-ħin, xegħlet il-*mobile recording* u ħarset 'l isfel, fejn Grixti beda jgħajjar lil Merceica, u anke ta daqqa ta' ħarta lil Mercieca, u Mercieca wissietu biex ma jsawwathiex. Qal li Pecorella qalet li Grixti beda jgħajjarhom giddieba, u li mhux vera li kien refa' idejh fuq Mercieca. Pecorella qalet li rat lil Grixti jaqbad lil Mercieca minn xagħarha u beda jiġbidha bil-goff mal-ġenb tal-vettura minn naħa ta' ġewwa. Grixti daħħal ġismu ġot-tieqa għal fuqha u għaffiġha, u n-nuċċali tiegħu tar għal fuq saqajn Pecorella. Spjega li

Pecorella qalet li Grixti ta daqqa fuq il-karozza u bdew isuqu minn ġor-rampa tal-Mc Donalds fejn innutaw li Grixti kellu *trekking pole* f'idu. Spjega li Pecorella qalet li Grixti nfexx jidgħi u semgħet daqqa fuq il-karozza permezz tat-*trekking pole.*

PS 1021 spjega li fit-2 ta' Settembru 2018, għall-ħabta tal-10.22 hrs, ġie mitkellem Grixti li ngħata d-drittijiet tiegħu u kkonsulta mal-avukat tiegħu. Qal li Grixti sostna li fis-27 t' Awwissu 2018, għall-ħabta tas-19.00hrs, mar jiltaqa' ma' xi ħbieb biex imur trekking. Spjega li dan qal li fis-19.20hrs, ġiet Doreen Mercieca u bdiet tkellem diversi nies, kif marret fejnu, u dana minkejja li kienu grupp ta' madwar 80 ruħ. Spjega li Grixti qal li pprova jevita lil Mercieca. Qal li Grixti sostna li waqt it-*trekking,* hu kien jgħin lin-nies, u beda jitkellem ma' Roberta Pecorella. Spjega li Grixti qal li kienet Mercieca li ġiet fejnu x'hin ratu jkellem lil ħabibtha. Spjega li huwa għen lil Mercieca u Pecorella waqt il-mixja, b'mod partikolari fil-partijiet diffċili tal-mixja. Spjega li Grixti tah dettalji dwar fejn kien għen liż-żewġ nisa, u li Grixti f'hin minnhom, kien irrimarka lil Mercieca li hu ddispjaċut minħabba l-fatt li meta kienu għadhom jiltaqgħu dan l-aħħar, Mercieca kienet iġġiblu ħafna skużi li ma jkollhiex ħin għal miegħu. Spjega li Grixti qal li Mercieca bdiet tirrifjuta li tkellmu u għajritu, u in vista ta' dan, huwa emozzjona ruħu u beda jitlob lil Mercieca biex jiddiskutu l-kwistjoni, iżda Mercieca rrifjutat. Spjega li Grixti qal li kif Mercieca għafset il-buttuna biex tirkeb il-karozza, hu rikeb fis-seat tan-naħa tal-passiġġier, iżda mbagħad ħareġ.

PS 1021 qal li Grixti spjega li Grixti baqa' jippersisti ma' Mercieca u nsulentaha b' xi kliem, iżda mbagħad iddeċieda li jħallihom. Qal li xħin Mercieca u Pecorella kienu fil-karozza u ġibdu fuq il-lemin, huwa beda jżomm mat-tieqa, iżda żbilanċja ruħu u laqat il-vettura ta' Mercieca involontarjament. Spjega li meta mistoqsi dwar jekk huwa pprova jidħol ġol-vettura ta' Mercieca meta din niżlet it-tieqa, Grixti rrisponda li kien biss prova jbus lil Mercieca. Qal li Grixti sostna li huwa ma jiftakarx li kkaġuna xi ġrieħi lil Mercieca, u pjuttost li setgħu saru waqt li kien qed jgħinha fil-mixja. PS 1021 spjega li dwar *email* li bagħat lil Mercieca, Grixti sostna li dan bagħtu biex juri lil Mercieca li ħabibtha ma kinitx leali lejha. Spjega li Grixti qal li sa Marzu 2018, hu u Mercieca kienu jiltaqgħu, u huwa qatt ma sforza lil Mercieca. Sostna li Grixti qal li hija Mercieca li dejjem tmur fejnu, u li huwa dejjem jipprova jevitaha. Sostna li Grixti qal li Mercieca dejjem tipprova twaqqgħu għaliha u mbagħad tagħlaqlu l-bieb f'wiċċu. PS 1021 spjega li Mercieca pprovdiet *pendrive* li fih diversi messaġġi li bagħtilha Grixti.

**<u>Doreen Mercieca</u>** xehdet fil-5 ta' Diċembru 2018, fejn qalet li Grixti kien eks partner tagħha f'relazzjoni li kienet damet madwar 6 snin. Spjegat li qatt ma kienu jgħixu flimkien. Spjegat li Grixti m'aċċettax li r-relazzjoni kienet waqfet. Ir-relazzjoni ntemmet fl-2011, iżda kienu rranġaw ftit fl-2012. Sostniet li Grixti

baqa' dejjem jippersisti b'messaġġi u telefonati. Sostniet li dan kien jgħajjat. Kienet issibu wara l-bieb. Sostniet li Grixti kien jintimidha ħafna, tant li spiċċat iżolata mill-ħbieb tagħha. Sostniet li hija bblukatu mill-*emails* u mill-*mobile*. Sostniet li hija rabbiet ftit kuraġġ u marret trekking fis-27 ta' Awwissu, 2018. Sostniet li Grixti beda jiffastidjaha. Beda jagħtiha daqqa bil-*pole* ma' saqajha, u hi sellmitlu peress li kienet taf li Grixti jiddejjaq jekk ikun injorat.

Spjegat li waqt il-mixja, huwa pprova jgħinha u meta rrifjutatu, huwa kien jagħmel xenata zgħira, jitlaq irrabjat u wara ftit jerġa' jmur fejnha. Spjegat li mbagħad, mar ikellem lil Roberta Pecorella. Qalet li Grixti prova jgħin lilha u lil Pecorella f'parti mill-mixja. Spjegat li Grixti baqa' jippersisti u jistaqsiha dwar ir-relazzjoni tagħhom. Sostniet li Grixti kien irrabjat għax kien sema' li hija kienet ħarġet. Spjegat li dan kien qed jibgħatilha ħafna messaġġi, jdejjaqha, liema messaġġi kienu qed jintbagħtu fi żmien meta r-relazzjoni tagħhom kienet spiċċat, u qabel dan l-inċident tas-27 ta' Awwissu, 2018. Spjegat li kien anke ħalla xi noti fil-*letterbox* tagħha. Spjegat li uliedha kienu għamlu l-*landline silent* peress li kien kontinwament iċempel.

Spjegat li meta waslu fl-aħħar tal-mixja, Grixti mar poġġa fil-karozza tagħha fuq is-seat tal-passiġġier u beda jirrepeti l-istess domanda dwar għalfejn għandha ħin mal-ħbieb. Spjegat li hija ħarġet mill-karozza u marret għall-leader tal-mixja. Spjegat li Grixti ħareġ iżda mbagħad, Grixti ma ħallihiex tidħol fil-karozza għax żammilha l-bieba u l-*ignition*. Spjegat li n-nuccali tiegħu spiċċa fuq il-*passenger side* tal-karozza. Qalet li beda jagħti bil-goff u taha daqqa fuq wiċċha. Spjegat li beda jgħajjarhom. Wara li rnexxielha tidħol fil-karozza u bdiet issuq, Grixti baqa' miexi u baqa' jgħajjat. Qalet li hija niżlet it-tieqa għax kienet is-sħana u semgħetu jgħajjat. Qalet li sabbat it-*trekking pole* mal-bieba tal-karozza tagħha. Insistiet li hija qatt ma nsulentat lil Grixti, u addirittura ppruvat tikkalmah. Spjegat li hija kienet qed tħossha fil-periklu. Sostniet li tlett ijiem qabel din il-mixja, hija waslet id-dar għal xil-ħdax ta' bil-lejl, u kien qed idur minn quddiem id-dar tagħha bil-karozza. Spjegat li ġieli staħba wara xi siġar u mbaghad jaqbeż fid-dlam. Spjegat li ġieli jsegwiha waqt li tkun qed tagħmel xi mixja.

In kontroeżami, Mercieca xehdet li Grixti ma jistax jaċċetta li hija qed tirrifjutah. Spjegat li huwa dejjem jippersisti. Ikkonfermat li ġieli rrispondiet messaġġi li bagħtilha. Spjegat li hija marret kunċert ta' Joseph Calleja f'Lulju u kien hemm Grixti, iżda hija kienet qiegħda titkellem mal-ħbieb li jiffrekwentaw kemm hi u kemm Grixti. Spjegat li Grixti kien fl-iscouts u hija kienet fil-guides u brownies. Qalet li waqt il-mixja kellhom *head torches*. Sostniet li l-mixja kienet normali. Sostniet li l-mixja organizzha xi ħadd iehor, u hi ma kinitx taf li Grixti kien ser ikun hemm. Sostniet li Grixti offra l-għajnuna. Spjegat li meta Grixti daħal fil-karozza, huwa reġa' ħareg xħin raha marret tkellem lil min organizza l-mixja.

Sostniet li Grixti kien vjolenti ħafna. Qalet li hija laqtet daqqa bis-sarar. Qalet li meta rnexxielha ssuq, hija bdiet miexja bil-mod, u kien hemmhekk li ta daqqa lill-vettura. Spjegat li t-*trekking pole* jiġi aġġustat skont it-tul tal-persuna li tkun qed tużah. Qalet li hija rċeviet ittra reġistrata, imma ma ġabrithiex, u Grixti kien bagħtilha *email* fejn infurmaha li bagħat ċekk fir-rigward tal-ħsara. Ikkonfermat li Grixti għandu garaxx fl-inhawi fejn toqgħod hi.

In rieżami, Mercieca xehdet dwar in-numru tal-*mobile* tagħha u ta' Grixti, kif ukoll dwar l-indirizzi elettroniċi rispettivi tagħhom. Spjegat li l-garaxx ta' Grixti huwa żewġ sulari taħt il-blokk fejn toqgħod hi.

Doreen Mercieca reġgħet xehdet fis-7 ta' Ottubru 2019, fejn ikkonfermat li r-ritratti mmarkati MS 1 sa MS 3, ħadithom hi. Eżebiet ukoll xi dokumenti oħra flimkien ma' DVD.

**Roberta Pecorella** xehdet fl-20 ta' Frar 2019, fejn spjegat li hi u Doreen Mercieca kienu sejrin *trekking* u pparkjaw fil-parkeġġ tal-Mc Donalds Gharghur. Spjegat li hija kienet qed titkellem ma' xi wħud fil-grupp meta Doreen Mercieca marret fejnha u qaltilha illi Grixti beda jagħtiha fastidju bit-*trekking pole* f'saqajha. Spjegat li meta poġġiet biex tistrieħ peress li kellha inċident tat-traffiku, u għalhekk tagħmel kollox b'moderazzjoni, avviċinaha Grixti. Spjegat li hu qabadha mill-parti ta' fuq ta' idha x-xellugija, u beda jitkellem magħha fuqu u fuq Mercieca. Spjegat li hi qaltlu li ma tridx tkun taf. Spjegat li hi qaltlu li huma messhom jistħu li jaġixxu qishom tfal żgħar. Spjegat li xħin qaltlu li hija ma jinteressahiex mir-relazzjoni li kellu, dan qabad jgħajjat magħha biex jisimgħu kulħadd, u jwaħħal fiha li kienet il-kaġun tat-terminazzjoni tar-relazzjoni bejnu u bejn Mercieca. Spjegat li madanakollu, Grixti baqa' jimxi magħha u jipprova jgħinha waqt il-mixja, u hija ħallietu jgħinha għax kienet taf li jekk ma tħallihx, kien jagħmel xi xenata ikbar. Spjegat li Grixti għamel xenata ma' Mercieca għax din irrifjutat li jgħinha waqt il-mixja. Spjegat li xħin lestew il-mixja, hija kienet fuq it-telefown, meta avviċinatha Mercieca, u talbitha tiġi fejnha biex jitilqu għaliex Grixti kien daħlilha ġol-vettura tagħha. Spjegat li hi marret fil-vettura u poġġiet fis-*seat* tal-passiġġier, iżda Grixti ma ħalliex lil Mercieca tidħol fil-karozza. Qalet li baqgħet tħares bid-dritt għax kienet sitwazzjoni skomda. Qalet li meta Mercieca daħlet fil-karozza, Grixti beda jipprova jitfilha l-karozza. Qalet li dak il-ħin indunat li ser tinqala' xi ħaġa, u bdiet tirrekordja li kien qed jiġri. Spjegat li Grixti ta daqqa ta' ħarta lil Mercieca u mbaghad beda jinnega li għamel dan. Spjegat li Grixti baqa' għaddej bil-kantaliena tas-soltu, u ċioè għalfejn Mercieca għandha ħin għal ħbieb iżda mhux għalih. Spjegat li Grixti ġebbed lil Mercieca minn xagħarha. Spjegat li f'ħin minnhom, Grixti nġibed għal fuq Mercieca u n-nuċċali tiegħu tar minn wiċċu. Spjegat li hi tatu n-nuccali, u f'dak il-mument, Grixti qata' qiesu u setgħu jibqgħu jsuqu.

Kompliet tgħid iżda, li fin-nofs tar-rampa, Grixti reġa' tfaċċa, u kif kienu qed iduru, Grixti reġa' staqsa lil Mercieca għalfejn għandha ħin għal ħbiebha, u dak il-hin, ta daqqa lill-bieba tan-naħa tas-sewwieq. Qalet li għamlet rapport, għalkemm hi tibża' minn Grixti. Spjegat li hija kienet ġia' wissietu sitt snin qabel biex ma jdejjaqhiex. Insistiet li Doreen Mercieca bl-ebda mod ma nsulentat lil Grixti.

In kontroeżami, hija kkonfermat li aċċettat li tkellem lil Grixti. Insistiet li lill-Pulizija qaltilhom li Grixti kien beda jgħolli leħnu magħha waqt il-mixja. Spjegat li Grixti talabha tagħtih lura n-nuċċali b'arroganza. Spjegat li hija ffriżat bix-xokk li qabadha xħin rat lil Grixti jaġixxi b'dan il-mod ma' Mercieca. Qalet li hija bniedma trawmatizzata, u li kellha tagħmel diversi terapija. Insistiet li Grixti kien qiegħed fin-nofs tar-rampa biex ma jħallihomx jgħaddu bil-vettura. Ikkonfermat li meta Grixti sar aggressiv, hija kienet preżenti.

**<u>Charles Grixti</u>** xehed fil-11 ta' Lulju 2019, fejn spjega li huwa ġieli organizza *trekking* peress li ilu erbgħin sena bħala *leader* tal-iscouts. Qal li kien hu li ntroduċa lil Mercieca f'dan il-grupp partikolari fl-2005. Sostna li ħmistax qabel dan l-inċident, huwa kien staqsa jekk Mercieca kinitx ser tkun preżenti waqt waħda mill-mixjiet għaliex ma ridx li jmur u tkun preżenti hi. Qal li għamel hekk għax huwa ma ridx jiltaqa' magħha. Qal li meta mar għall-mixja li kien imiss, huwa ra li kien hemm Doreen Mercieca u Roberta Pecorella. Qal li kien ser jitlaq, iżda kien hemm xi ħadd li qallu biex jibqa'. Qal li dan it-trekk partikolari, kien diffiċli u perikoluż. Qal li l-passaġġ kien dejjaq u għan-niżla, filwaqt li l-art kienet *uneven*. Qal li huwa żamm 'il bogħod minn Mercieca. Qal li huwa kien tkellem ma' Pecorella waħedha, u din kienet qaltlu biex iħalliha barra minn din il-kwistjoni, u hu hekk għamel.

Spjega li meta ra li Pecorella u Mercieca kienu qed ibatu fil-mixja, huwa offra l-għajnuna tiegħu. Qal li f'mument fejn il-mixja kienet ferm diffiċli, huwa għen lil entrambi l-partijiet. F'dak il-ħin, beda jgħid lil Mercieca, li hija għandha ħin għal ma' ħbiebha, iżda mhux għalih, u hemmhekk, Mercieca bdiet tinsulentah. Qal li l-ewwel baqgħet siekta, u mbagħad, xħin baqa' jinsisti magħha, hija bdiet tinsulentah. Spjega li huwa pparkja l-vettura tiegħu barra mill-parkeġġ tal-Mc Donalds, u għalhekk kellu jgħaddi mir-rampa tal-parkeġġ, biex imur għaliha.

Spjega li r-relazzjoni tagħhom bdiet fl-2005, u damet xi sitt snin. Qal li xorta baqgħu jiltaqgħu. Qal li dakinhar li sehh l-inċident, huwa kien qed iżomm mal-karozza u żelaq u bit-*trekking pole* għamel ħsara lill-vettura ta' Mercieca. Qal li huwa ħallas ta' dawn l-ispejjeż. Spjega li huwa għandu garaxx fl-istess blokka

fejn tgħix Mercieca. Spjega li Mercieca baqgħet tipprova tavviċinah, iżda huwa qed jinjoraha.

In **kontroeżami,** huwa spjega li *trekking pole* hija *telescopic*. Ikkonferma li saret toqba b'din il-*pole*. Huwa ċaħad li ġibed xagħar Mercieca. Huwa ammetta li daħal fil-karozza ta' Mercieca u reġa' ħareġ mill-ewwel. Ikkonferma li tarlu n-nuċċali minn wiċċu. Spjega li huwa tkellem ma' Pecorella biex jikxef lil Mercieca, għax Mercieca ma kinitx tgħid kollox ma' ħbiebha. Minkejja li huwa ried *closure* fir-rigward tar-relazzjoni ma' Mercieca, huwa xorta waħda offra l-għajnuna tiegħu waqt il-mixja. Ċaħad li huwa kien irrabjat għal Mercieca. Ikkonferma li huwa baqa' jistaqsi l-istess domanda lil Mercieca għaliex din kienet qed tinjorah. Huwa kkonferma li kiteb DM2 u DM5. Ikkonferma li huwa bagħat *email* jew xi forma ta' messaġġ lil Mercieca peress li nduna li Pecorella riedet titlaq waqt li kien qed iseħħ l-inċident.

**Josette Flores Martin** xehdet fil-11 ta' Lulju 2019, fejn spjegat li hija ilha taf lil Grixti madwar seba' snin u iktar. Qalet li huwa raġel eżemplari, u li qatt ma ratu aggressiv. Spjegat li fil-21 ta' Ġunju 2019, rat lil Doreen Mercieca u lil Charles Grixti fl-istess post għalkemm ma kinux flimkien. Qalet li ma rat l-ebda animożità bejniethom.

In **kontroeżami,** hija spjegat li ma tafx lil Roberta Pecorella.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bajada, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013:

*"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess*

*informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3)(c) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliż "harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*".... f' każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' żmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri tal-akkuża nnifisha."*

Issir riferenza wkoll għas-sentenza Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fis-17 ta' Frar 2011:

*"Illi l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat tal-hekk imsejjaħ "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis, (per Prim' Imħallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taħt dina d-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha, fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr:*

*... illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' inċident wieħed – ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course*

*of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B tagħna – u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara xebħ u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażjonijiet – proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża, "on at least two occasions". Għal xi raġuni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika – il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini talimsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skont iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saggezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi."* (Vide wkoll is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 2020, minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Robert Ciappara).

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Elizabeth Azzopardi ntqal li:

*Illi riferenza għandha ssir għad-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti, fejn il-Qorti għamlet riferenza għall-kawża deċiża mill-istess Qorti (diversament ippreseduta) fis-27 ta' Frar 2009, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini:*

*"Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Massimo Tivisini deċiż fis-27 ta' Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:*
*"Illi għalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi kkonsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07]:- "...f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija mportanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' żmien".*
*[...]*
*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliż 'harassment') ġie introdott għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u nkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lill-persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taħt ir-raba' imputazzjoni. Il-Liġi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

*Fis-subinċiż (3)(c), il-Liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna. [...]*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tgħid li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-Liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew*

*'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".*

*Din il-Qorti żżid dan li ġej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel żewġ artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person must not pursue a course of conduct' li fil-Liġi tagħna hekk: 'Persuna li ġġib ruħha'.*
*Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).*
*In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".*

*Illi, skont ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' inċident u mhux inċident wieħed."*

Il-Liġi għalhekk titkellem dwar "imġieba", a course of conduct, u minn dina l-esposizzjoni legali, jirriżulta illi dan ir-reat ma jissussistix jekk dan ikun xi inċident iżolat kif fil-fatt huwa il-każ in eżami, fir-rigward ta' dak li għandu x' jaqsam ma' Roberta Pecorella. In fatti, fir-rigward ta' Roberta Pecorella, din l-imputazzjoni hi marbuta ma' data u ħin wieħed speċifiku u fejn mill-provi jirriżulta li dan kien inċident iżolat. Għaldaqstant, l-imputat qed jiġi liberat minn din l-imputazzjoni għal dak li għandu x' jaqsam ma' Roberta Pecorella.

Dwar l-ewwel imputazzjoni għal dak li jirrigwarda Doreen Mercieca, mill-provi prodotti u dokumenti eżebiti, jirriżulta li Mercieca u l-imputat kienu f'relazzjoni, u minkejja li din waqfet, l-istess imputat baqa' jippersisti sabiex iżomm kuntatt u jkun ta' fastidju lil Mercieca. Tant hu hekk, li mix-xhieda mogħtija, irriżulta li Mercieca kienet spiċċat, bl-għajnuna ta' uliedha, għamlet il-*landline silent* ħalli l-imputat ma jibqax iċempel. Ġie spjegat ukoll, li din spiċċat tevita li toħroġ għaliex l-imputat kienet ġieli tarah quddiem id-dar tagħha jagħmel dak li sejjħet bħala 'ir-ronda' quddiem id-dar tagħha. Semmiet ukoll inċidenti partikolari fix-xhieda tagħha inkluż dati fosthom, is-7 ta' Ġunju 2018, u tlett ijiem qabel is-27 ta' Awwissu 2018. Mill-atti oħra, irriżulta wkoll li l-imputat sa ċċekja fuq is-sitwazzjoni ta' omm Mercieca sabiex ikun jista' jitkixxef aħjar x'kien qed jiġri fil-ħajja ta' Mercieca, u jekk din kinitx qiegħda tigdeb, u kinitx qed tqatta' ħin ma' ħbiebha. Minn dak li xehdet Doreen Mercieca, kif ukoll mill-provi l-oħra li tressqu, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li effettivament, dan huwa l-każ fil-każ odjern. L-atteġġjament tal-imputat fil-konfront ta' Doreen Mercieca, kien wieħed ripetittiv u persistenti. Għaldaqstant, minn dak li ngħad hawn fuq, m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat għal dak li jirrigwarda Doreen Mercieca, ġiet sodisfaċentement pruvata.

Dwar it-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra:

*"49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*
*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*

Dwar dan l-artikolu, il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippreseduta, deċiżż fid-9 t'April, 2019, fl-ismijiet Il-Pulizija(Spettur Spiridione Zammit)-vs-Nadine Farrugia, fejn intqal is-segwenti:

*"Illi l-imputata qed tiġi akkużata talli permezz ta' Facebook kitbet kliem indirizzat lejn il-parte leża Melanie Cassar u membri ta' familtha; Illi l-kliem li allegatament intqal mill-imputata kien "Hope they will shut your place down sooner rather than later. You will be punished for your act of murder. Hope karma gets you good".*

*......bl-emendi introdotti bl-Att XI tal-2018, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Mejju, 2018, ferm qabel ma ntbgħat ir-request lil Facebook, ġie introddot proviso ġdid għall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid:*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparatu li jkunu jistgħu jagħtu lok għall-azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.*

*Fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 399 insibu li - "apparat" tfisser kull tagħmir jew makkinarju, ikunu kif ikunu deskritti; "network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser sistemi ta' trasmissjoni, u fejn dan japplika, tagħmir ta' switching jew routing u riżorsi oħra, inklużi elementi ta' network li m'humiex attivi, li jippermettu l-ġarr ta' sinjali bil-fil, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra, inklużi networks satellitari, fissi (circuit-switched u packet-switched, inkluż l-Internet) u networks terrestri mobbli, sistemi ta' elettriku bil-cable, sal-limitu li dawn jiġu użati bil-għan li jittrasmettu sinjali, networks użati għal xandir bir-radju u televiżjoni, u networks ta' televiżjoni bil-cable, irrispettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla;*

*Illi skond l-artikolu 2 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta:"inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm; "libell" tfisser malafama permezz ta' pubblikazzjoni; ....."malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u linġurja; "midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, informazzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku inġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur; "midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;..."pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe*

*att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;*

*Illi tenut kont li l-kliem li allegatament intqal sar permezz ta' Facebook, li jikkostitwixxi network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, sakemm il-kliem jibqgħu ta' natura malafamanti biss, tali kliem ma għadhomx jitqiesu li jammontaw għall-reat u kull azzjoni kellha tkun waħda purament ta' natura ċivili li kellha tittieħed ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Għaldaqstant minkejja li l-ewwel imputazzjoni ġiet rtirata mill-prosekuzzjoni, ġaladarba il-kliem kien ppublikat fuq Facebook dan ma baqax jinkwadra taħt ir-reat kontravvenzjonali ravviżat bl-artikolu 339(1)(e). Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Lee Borg:*

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' inġurja skont l-Artikolu 252, il-kliem (jew ġesti, kitba, eċċ., skont il-każ) inġurjużi jridu jkunu ġew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna –imqar terza persuna waħda – għax b'hekk biss jista' jitwettaq il-ħsieb li jkollu l-aġent li jtellef jew inaqqas il-ġieħ tal-persuna inġurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliż). Kliem, ġesti, kitba jew disinji inġurjużi li jiġu ndirizzati mill-aġent lill-persuna li jkun qed joffendi iżda li jibqgħu bejniethom it-tnejn huma puniti bħala kontravvenzjoni skont il-paragrafu (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali. M'hemmx dubbju li malli l-kliem malafamanti ġie kkomunikat lill-terzi, kif ġara' malli ġie ppubblikat fuq Facebook, ir-reat ma baqax wieħed ta' natura kontravvenzjonali.*

*Illi sabiex kliem jitqies li hu "theddid" issir riferenza għas-sentenza, Il-Pulizija vs Francis Frendo, fejn il-Qorti nterpretat il-kelma theddida bħala biża t'aggressjoni futura:*

*B'referenza għall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Frendo, l-appellant josserva li l-prospett ta' ħsara għandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tgħid lil xi ħadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fiżika, jeħtieġ illi dan ix-xi ħadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors għandu l-kapaċità u l-propensità li jasal...... F'sentenza oħra Il-Pulizija vs Mario Camilleri ġie deċiż:*

*Skont il-ġurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Frendo' it-theddid ifisser li aġent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta. 'Il-Qorti hi sodisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ...... u speċjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-ġesti li akkumpanjaw l-istess diskors, l-*

*appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li però ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiċi , e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess aġent.'*

*F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk:*

*'Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteġġjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-ġlied, dak l-atteġġjament jammonta għal minaċċja reali u verbali.' (L-Imħallef Dr.W.Harding, 'Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar.' 25 ta' Ġunju 1952).*

*Ingħad ukoll li minaċċja ma titlifx mis-serjetà tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949).*

*Min-naħa l-oħra l-Antolisei jgħid dan li ġej dwar il-minaċċja: ' e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace..' Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale –Parte Speciale' (Milano Giuffre).*

*Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet:*

*Biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta –bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor –xi forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: "...e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'".*

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Salvatore La Rocca, deċiża fis-7 ta' Frar 2019, minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippreseduta, fejn intqal :

*"L-element essenzjali għal sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-użu ta' network jew apparat elettroniku. Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile u anke mill-provi prodotti, minn imkien ma rriżulta li l-imputat hedded li se jsir xi reat. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-parte civile tgħid li: "Jiġi sottomess li għalkemm dan il-*

*każ jitratta dwar inġurji u theddid li allegatament seħħew permezz tal-informatika u ċioe` tramite e-mails u messaġġi bl-sms fuq telefon ċellulari." Il-parte civile dejjem qed tagħmel riferenza għal theddid u inġurji diretti fil-konfront tal-persuna tagħha. Il-parte civile tindika li kien sar wkoll diskors fis-sens li l-imputat kien sejjer jagħmel u effettivament għamel xi rapporti ma' xi awtoritajiet kompetenti (bħal tal-VAT, Jobsplus ecc). B'daqshekk pero` tali rapporti kif ġia` ingħad ma jammontawx għal xi theddida li kien sejjer jitwettaq xi reat.*

*Dan apparti l-fatt li baqgħu ma nġabux provi mil-liema numru u mil-liema IP address kienu ntbagħtu l-emails u l-smses in kwistjoni u l-prosekuzzjoni sejset il-każ tagħha biss fuq id-dikjarazzjonijiet tal-parte civile meta hija kienet marbuta li iġġib l-aħjar prova.*

*.....L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbagħad jirreferi għal użu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif ġia` kellha l-opportunità din il-Qorti li tikkummenta fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francine Cini "użu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe użu, jew kull ħaġa taħt il-kappa tax-xemx, magħduda kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi nterpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeċiti."*

*It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' ħsara inġusta. Kif ġia` sottolineat aktar qabel b'rabta mat-tieni akkuża, dan ma rriżultax.*

*Saħansitra anke li kieku kellu jitqies li l-kliem li seta' intuża mill-imputat kien wieħed malafamanti, xorta bl-applikazzjoni tal-proviso li ddaħħal bl-Att XI tal-2018, ma jkun jeżisti l-ebda reat taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 399: "Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*

*Lanqas għalhekk ma tista' tirriżulta ħtija taħt dan l-artikolu."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Bernard C. Spiteri) vs Francine Cini, deċiża fis-26 ta' April 2019, ġie deċiż hekk dwar dan l-artikolu fid-dawl tal-emendi ntrodotti bl-Att XI tal-2018:

"*..fi kwalunkwe każ, hemm ukoll il-kwistjoni ta' natura legali naxxenti mill-emendi konsegwenzjali bl-introduzzjoni tal-fuq imsemmi Att XI tal-2018. L-artikolu 32 ta' dan l-att żied is-segwenti proviso fl-aħħar tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 399:*

*"Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippublikati fuq newtork ta' komunikazzjoni elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għall-azzjoni għall-malafama jew inġurja skond l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att"*

*11. B'dan il-proviso il-malafama m'għadiex tikkostitwixxi reat u l-istess proviso daħal fis-seħħ mingħajr riżervi dwar azzjonijiet kriminali pendenti għajr għal-dawk magħmulha taħt il-Liġi tal-Istampa kif hemm provdut. Issa, apparti il-kunsiderazzjonijiet magħmula dwar l-ewwel imputazzjoni għar-rigward tal-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali li jgħoddu wkoll għall-kwistjoni in diżamina, tajjeb li ssir referenza ukoll għas-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009, fil-każ 'Scoppola v Italy (No.2) (Grand Chamber) tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-Qorti rriteniet hekk:*

*'106. The Court therefore concludes that since the X v Germany decision a consensus has gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, has become a fundamental principle of criminal law.....*

*107. Moreover it observes that in prohibiting the imposition of 'a heavier penalty..... than the one that was applicable at the time of the criminal offence, paragraph 1 in fine of Article 7 does not exclude granting the accused the benefit of a more lenient sentence, prescribed by legislation subsequent to the offence.'*

*12. Iġifieri, anke mill-aspett ta' piena, la darba l-fatti allegati m'għadhomx jikkostitwixxu reat u huma soġġetti għall-proċeduri ċivili li ċertament l-eżitu tagħhom ma jistgħax ikun ta' natura penali, isegwi li ma tistgħax aktar tinsab ħtija f'dan il-fatti anke jekk, gratia argomenti, l-malafama per se hija prosegwibbli taħt is-subartikolu 49(b).....*

*.....il-proviso introdott bl-Att XI tal-2018 japplika għall-artikolu 49 fl-intier tiegħu iġifieri għat-tliet subartikoli kompriż, allura, is-subartikolu (c) tal-artikolu 49. Għalhekk din il-Qorti, għal-istess konsiderazzjonijiet magħmula supra kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ma tistgħax tikkonferma s-sejbien ta' ħtija dwar fatt li m'għadux jikkostitwixxi reat."*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Mark Camilleri, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2019, fejn intqal:

*"...din il-Qorti sejra tikkunsidra t-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tal-appellant taħt  l-artikolu 49 ( c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat permezz tal-Att XI.2018.32 u ċioè li għamel użu mhux xieraq minn sistema jew apparat tal–komunikazzjoni eletroniċi billi mmalafama lil Mario Calleja .*

*Dan l-artikolu llum-il ġurnata jaqra:*

*'Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Dan il-każ jittratta dwar kummenti li saru minn Mark Camilleri fuq il-blog tal-ġurnalist Victor Vella fir-rigward tal-artikolu bl-isem "Is-Sindku ta' Marsakala, tal-PN ilhom ma jersqu 'l hawn" li kien ġie ppubblikat fuq il-ġurnal l-Orizzont ta' nhar id-9 ta Mejju, 2014.  Din il-Qorti tqis din dan il-kumment bħala tali jaqa' taħt il-proviso miżjud permezz tal-Att Att XI.2018.32.  Jirriżulta li l-kliem użat huwa 'kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat' u għalhekk jirriżulta li jista' jagħti lok għall-azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama.  Dan huwa każ fejn l-appellant ippublika xi kliem malafamanti fuq xi sit soċjali on line u allura fejn il-pubbliku jew uħud mill-pubbliku kellu aċċess għalih.*

*Din il-Qorti f'dan ir-rigward tagħmel referenza wkoll għall-posts oħra li jinsabu fuq il-blog kif irrapportati fid-dokument esebit fl-atti markat bħala dok RSA 2 a fol. 10 et seq fejn jirriżulta li hemm diversi malafami oħra bħal 'min ġie elett mhux*

*kapaċi jamminsitra, ....sindku bażi....min mhux tajjeb biex jamminsitra u qed iġib il-voti billi jidħaq bin-nies għandu jmur id dar u jibda jfittex xogħol .... empty vessels make most sound, u kif stqarr Mario Calleja stess fix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta huma kollha kummenti malafamanti u inġurjuzi fil-konfront tiegħu .*

*Għalhekk jirriżulta li l-emendi li saru fuq l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta fil-mori tal-appell permezz tal-Att XI.2018.32 huma tali li fit-termini tal-proviso ta' dan l-artikoli m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Għaldaqstant l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba l-emenda li saret fil-mori tal-appell m'għadux applikabbli.*

*...Kif ikkunsidrat dwar l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Francine Cini' (Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju, 2017)*

*'Dina d-diċitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem użat huwa "użu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-leġislatur meta daħħlet dina l-emenda fil-liġi permezz tal-Att XXX tal- 2007.*

*Illi ma hemmx dubju illi l-imputat intenzjonalment uża s-social media sabiex jagħmel użu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi tella posts bi kliem inġurjuż dwar il-parti leża.*

*Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'użu ieħor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgħa nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2007' intqal:*

*"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief sub paragrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c), jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.*

*DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use. Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use. Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper*

*use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża apparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija." (enfasi tal-Qorti)*

*Minn dan joħroġ illi l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-frażi "użu ieħor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe użu, jew kull ħaġa taħt il- kappa tax-xemx, magħduda kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeċiti.*

*Illi l-Ezekuttiv għazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taħt il-kappa ta' "użu ieħor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma ngħatax il-barka mil-Leġislatur u ġie eliminat: "(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

*Illi n-nota fil-marġini tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli tagħti sostenn għall-intepretazzjoni mogħtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-leġislatur:*

*'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.'*

*Dik il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet oħra, ikkunsidrat li:*

*'Illi l-imputat, fl-ewwel lok jidher illi l-akkużi addebitati lilu huma dik ravviżata is-sub-inċiż (c) tal-artikolu 49 li allura jipprospetta l-użu mhux xieraq li jsir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni. Billi jirriżulta minn qari tal-email esebiti illi huwa tellgħa posts fuq il-blog ta' Victor Borg bi kliem inġurjuż u lill-kwerelant b'dan għalhekk illi dak ravviżat fis-sub-inċiż (c) immaterjalizza.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Vs Lee Borg', il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:*

*'Jilmenta ukoll l-appellanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha nstab ħati illi huwa qatt ma uża kliem ta' theddid fl-email mibgħuta u allura kellu jiġi illiberat. Illi l-appellanti ma għandux raġun għaliex fl-ewwel lok jidher illi t-tieni akkuża addebitata lilu hija dik ravviżata fis-sub-inċiż (a)(b) u (ċ) tal-artikolu 49 li allura jipprospetta tliet sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inċiż (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla wkoll l-użu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subinċiż (ċ) tiegħu, għalkemm l-Ewwel Qorti ma tindikax taħt liema sub-inċiż qed tinstab il-ħtija. Billi l-appellanti ex admissis jistqarr illi huwa bgħat email bi*

*kliem inġurjuż lill-kwerelanti b'dan għalhekk illi dak ravviżat fis-sub-inċiż (ċ) immaterjalizza, allura dan l-aggravvju wkoll ma jistħoqqlux akkoljiment.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Martin Sammut vs Dr. Alfred Grech', ġie kkunsidrat li:*

*'L-għemil ikkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista tal-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqisux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.'*

*...Din il-Qorti hija tal-fehma li bil-frażijiet fuq indikati bejn l-appellant u terzi hi tali li tikkostitwixxi użu mhux xieraq. M'hemmx dubbju li l-intenzjoni tal-appellant kienet waħda u ċioè li jagħmel ħsara lill-kwerelanti, billi jimmalafamah ġewwa fora pubblika.*

*Huwa pertinenti li din il-Qorti tqis il-kuntest kollu tal-kliem li l-parti leża ħassitha inġurjata bihom biex tiddeċiedi jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta qieset dawn il-kliem bħala inġurjużi. Dawn jinstabu f'kemm a fol 9 et seq. Din il-Qorti ssib li l-kliem kif fuq riportat fil-kuntest kollu li l-kliem intqalu bħala inġurjużi u għalhekk fil-kuntest tal-akkuża taħt l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-appellant għamel użu ieħor mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika però stante li l-kliem huma malafamanti u għalhekk proċeduri jistgħu jittieħdu skond l-Att dwar il-media jidħol in ballo il-proviso ta' dan l-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att u għalhekk hawnhekk ukoll il-Qorti tasjteni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-tieni akkuża."*

Fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq riferita, din il-Qorti tqies li l-kliem riportat fil-messaġġi, ittri u *emails* jammontaw għal kliem inġurjuż, u li b'hekk l-imputat għamel użu mhux xieraq ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Fir-rigward ta' dan il-kliem stante li huma malafamanti, il-proċeduri jistgħu jittieħdu skont l-Att dwar il-*media,* u għalhekk japplika l-proviso ta' dan l-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, fir-rigward ta' dan il-kliem, dawn ma jagħtux lok għal reat taħt dan l-Att. Il-Qorti ma rravviżatx theddid, liema theddid ma jaqgħux fl-ambitu tal-proviso ta' dan l-artikolu. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, u ċioè biża' li ser tintuża vjolenza, il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Raymond Parnis, deċiża fl-24 t'April 2009, mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza għandha ssir ukoll għall-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro, deċiża fis-7 ta' Marzu 2012, u għall-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna, deċiża fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi ġew mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-deċiżjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

*"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".*

Illi l-Artikolu tal-Liġi, u ċioé Artikolu 251B (1) jgħid hekk: "li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra". Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugħa minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li ġie effettivament ippruvat li l-imputat kien b'xi mod ikkaġuna biża' fuq il-persuna ta' Doreen Mercieca li kienet ser tintuża vjolenza kontra tagħha. L-inċident tas-27 ta' Awwissu 2018, kif ukoll l-inċidenti li semmiet, fosthom dak tas-7 ta' Ġunju 2018, u ta' tlett ijiem qabel is-27 ta' Awwissu 2018, fejn l-imputat kien qiegħed jagħmel ir-'ronda' quddiem id-dar ta' Mercieca, huma eżempji ċari tas-sitwazzjonijiet fejn l-imputat, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna biża' f'Mercieca li ser tintuża vjolenza kontriha. Il-Qorti ma tqisx li hija difiża fondata l-argumenti li ressqet id-difiża, fis-sens li l-imputat għandu garaxx fl-istess blokka fejn toqgħod Mercieca, u għalhekk huwa kien ikun hemm ta' spiss. Huwa ferm imġebbed l-argument illi b'kumbinazzjoni l-imputat dejjem ikun hemm meta tkun dieħla lura d-dar Mercieca sabiex joqgħod jinsulentaha u jsaqsiha fejn kienet u ma' min

ħarġet. Lanqas ma huwa argument fondat li peress li ma ssejjħux terzi persuni biex jassistu lil Mercieca, dan ifisser li l-inċident ma kienx wieħed gravi. Fir-realtà, Mercieca f'ħin minnhom, kienet ġià marret tkellem lill-organizzatur tal-mixja dwar il-fatt li Grixti kien daħal fil-vettura tagħha. Il-Qorti semgħet u rat parti minn dan l-inċident, u hija konvinta li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata. Lanqas ma jreġi l-argument li ġaladarba Pecorella kienet ser tipprova tieħu *lift* ma' persuna oħra, dan ifisser li l-inċident ma kienx gravi. Kif spjegat Pecorella nfisha, dan il-kliem qalitu bil-għan li forsi Grixti jieqaf jippersisti, u hi u Mercieca jkunu jistgħu jkomplu jsuqu. Għaldaqstant, anke t-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din tirriżulta li ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli. Din tirrigwarda l-kontravvenzjoni elenkata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi li hija kontravvenzjoni kontra l-persuna li persuna tagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limitita l-provokazzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju 1995, fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Frendo, spjegat hekk dwar l-artikolu 339(1) (e ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Fil-kuntest ta l-artikolu 339(1)( e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li però ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band' oħra fil-Kodiċi, eż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volontà tal-istess aġent."*

Mir-*recordings* eżebiti bħala Dok PS 4 u Dok RP 1, kif ukoll mill-*video* eżebit bħala Dok MS 5, jirriżulta li din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata. Dawn ir-*recordings* ġew ukoll ikkorraborati mix-xhieda ta' Doreen Mercieca u Roberta Pecorella. Għalhekk, qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

Dwar il-ħames imputazzjoni, din il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija minn Roberta Pecorella u Doreen Mercieca li lkoll qalu li Mercieca ngħatat daqqa ta' ħarta fuq wiċċha minn Grixti. Madanakollu, iċ-ċertifikat eżebit bħala Dok PS 6, jirreferi għal *superficial abrasions and bruising over left arm.* Il-Qorti tqies li dan iċ-ċertifikat ma ġiex ikkorraborat bix-xhieda tat-tabib li rrilaxxjah. Il-feriti msemmija fl-istess rapport ma jikkoraborawx ix-xhieda mogħtija mill-allegata parti leża u mix-xhud okulari. Għalhekk, din il-Qorti ma tqisx li l-ħames imputazzjoni ġiet ippruvata.

Dwar is-sitt imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli din l-imputazzjoni. Il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tad-difiża fis-sens li l-imputat żelaq, u b'hekk laqat bit-*trekking pole* l-vettura ta' Mercieca. Meta l-Qorti qieset ir-ritratti eżebiti li lkoll juru l-ħsarat li soffriet din il-vettura, fejn saret toqba fl-istess vettura, kif ukoll x'ħin qieset l-kwantum tal-ħsara li jirriżulta mill-istima eżebita wkoll f' dawn l-atti, din il-Qorti hija konvinta li dik il-ħsara saret b'mod volontarju mill-istess imputat. Dan iktar u iktar meta wieħed jisma' *r-recordings* li għalihom ġià saret referenza minn din il-Qorti. Għaldaqstant, din is-sitt imputazzjoni ġiet ukoll ippruvata.

Dwar is-seba' imputazzjoni, din tirrigwarda *ragion fattasi.* Din l-akkuza saret in vista tal-fatt li allegatament, Grixti impedixxa lil Mercieca milli tidħol fil-vettura tagħha. Din il-Qorti tqis li ma jeżistux l-estremi ta' ragion fattasi, u għalhekk, mhijiex issib ħtija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Deċide**

Għal raġunijiet hawn fuq esposti, u wara li l-Qorti rat l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 49(b) u (c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 339(1) ( e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 251B (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 251A (1) (a) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 325(1) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed issib lil Charles Grixti hati tal-ewwel imputazzjoni fir-rigward ta' Roberta Pecorella, tat-tieni imputazzjoni, tal-ħames imputazzjoni u tas-seba' imputazzjoni, filwaqt li qed issib lil Charles Grixti ħati tal-ewwel imputazzjoni fir-rigward ta' Doreen Mercieca, it-tielet imputazzjoni, ir-raba' imputazzjoni u s-sitt imputazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja, ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat Charles Grixti taħt ordni ta' probation għall-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fisser lill-imputat Charles Grixti, bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti b'Digriet tal-lum stess, għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-imputat Charles Grixti.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Doreen Mercieca għal perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum skont id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ġie ordnat lilu.

Maġistrat Dottor Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur